VALLETTA
Città Umilissima

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 13

L-Erbgħa 19 ta' Frar, 2014, fis-7.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Dr Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Vincent Farrugia Lauri, Raymond Azzopardi u Vincent Fabri.

Il-Kunsillier Raymond Attard u kien skuzat minħabba li kellu jattendi attivita tas-Segretarju Parlamentari Herrera. L-Ambaxxatur kien skuzat ukoll.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 12 li saret nhar Is-Sibt 4, ta' Jannar, 2014, fil-8.00 a.m kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma dwar l-Konferenza li attendew hu flimkien mat-Town Centre Manager ġewwa Brussels. Kienu nfurmata li l-Bliet Ewropej għandhom jingħataw 5% mill-fondi ERDF mil-gvern centrali.

1.2 Is-Segretarja Ezekuttiva tagħt aktar detalji dwar Jum il-Belt wara li hi u Town Centre Manager iltaqgħu ma' Christine Camilleri mill-Uffiċċju tal-President.

1.3 Is-Sindku nforma li għalkemm l-Ambaxxatur Jurgen Briffa kien skuzat xorta xtaq jinforma li l-preparamenti għal carnival tat-tfal ġewwa l-iskola Sant Iermu.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li l-Kunsillier Vince Fabri attenda laqgħa tar-Regjun dwar l-problema tad-dawl.

2.2 Is-Sindku nforma dwar il-Proposta li tinħoloq ~~Kumpanija~~ Kummercjali tal-Kunsill sabiex tiehu hseib (Fost affarijiet oħra) 2 parkeggi biex nies li jiġu jżuru l- Belt ikollhom fejn jipparkjaw u b'hekk jinħoloq aktar parkeġġ għar-residenti. Il-Postijiet proposti huma Ditch ta' Triq ir- Republika kif ukoll il-Parking tal-Yellow Garage. Nforma li ser issir proposta lis-Segretarju Parlamentari Jose Herrera u lil Ministru tal-Finanzi sabiex il-Kunsill ikun jista jibda il-proċess skont il-ligi tal-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2.3 Is-Sindku nforma li ser jagħmel visita ġewwa dawn iż-żewg postijiet kif ukoll possibilment ġewwa postijiet relevanti oħra biex issiru diskussjonijiet dwar skambji kif ukoll Twinning. Kien hemm qbil dwar dan.

2.4 Is-Sindku fakkar dwar l-inawgurazzjoni tal-Monument ta' Mattia Preti

2.5 Is-Sindku nforma li qed jagħmel pressjoni mad-dipartiment dwar l-approvazzjoni tal-bye laws.

2.6 Is-Sindku nforma li l-lands talbu laqgħa dwar il-Main guard wara li l-Avukat Generali nforma li hu m'għandu l-ebda jedd biex joħrog mill-post.

2.7 Is-Sindku nforma li saret laqgħa oħra mas-Segretarju Parlamentari Jose Herrera u l-V18. Tkellmu dwar progetti kapitali bħal: Power House, Suq tal-Belt, Strada Stretta, MUZA, u bosta oħrajn.

2.8 Is-Sindku fakkar dwar il-progett Move u nforma dwar il-ġurnata tal-Press Conference li kienet it-Tlieta 25 ta' Frar fil-11 am ġewwa Pjazza Mattia Preti.

2.9 Is-Sindku nforma dwar it-Traffic Diversion li ser issir biex ir-residenti li joqgħdu n-naħa ta' Hastings ikollhom aċċess aħjar. Għal laqgħa ma' Transport Malta attenda ukoll l-Minority Leader Dr Norman Shaw u il-Kunsillier Vince Fabri. Il- Kunsill kollu qabel dwar dan.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw ppropona li jsir parking ukoll taħt il-pjazza ta' Mattia Preti.

3.2 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li ġewwa Battery Street l-iskart għal xi raguni mhux qed jinġabar.

3.3 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma dwar l-istat diżastruż li tinsab fiha Old Bakery street (in-naħa ta' isfel) Il-Kunsill qabel li għandna niktbu lis-Segretarju Parlamentari Jose Herrera u l-Ministru Joe Mizzi. Dan minħabba li t-triq urgentement għandha bżonn tiswija.

4. **KORRISPONDENZA**

4.1 Is-Sindku nforma li Sur Riolo Kap ta' l-iskola ta' Sant Iermu xtaq għajnuna mill-Kunsill peress li ser issir xi xogħol ta' zebgħa fil-Bitħta ta' l-iskola. Il-Kunsill qabel li jixtri xebgħa li jammonta għal €350.00.

4.2 Is-Sindku nforma dwar it-Traffic Diversion li ser issir biex ir-residenti li joqgħdu n-naħa ta' Hastings ikollhom aċċess aħjar. Għal laqgħa ma'

Transport Malta attenda ukoll l-Minority Leader Dr Norman Shaw. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

4.3 Is-Sindku nforma dwar il-laqgħa li kelli ma' l-MCC. Informa u nwerew pjanti tal-proposta. Il-Kunsill qabel mal proposta pero qabilx li l-parking isir riżervat għal MCC.

4.4 Is-Sindku nforma dwar proposta li bgħatet lill-Kunsill Dr Maria Attard biex il-Kunsill jipparteċipa fi Progett 2020. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.5 Is-Sindku nforma dwar korrispondenza li ngħatat lil kunsill dwar il-permessi li nħargu min Lands minajr no objection tal-Kunsill lill-Angelica Restaurant. Il-Kunsill ikkundanna dan l-għagir u ser jieħu passi biex dan jiġi revokat minħabba li ttieħdu parkeggi tar-residenti. L-Kunsill qabel li jsir l-protest ġudizjarju.

4.6 Is-Sindku nforma li kellu laqgħa dwar kif l-amministrazzjoni tal-Kunsill jista jkollha l-ISO. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareg sejħa għal offerti.

## 5. AMMINISTRAZZJONI

5.1 It-Town Centre Manager reġgħa nforma dwar il-proposta tal-Mapep min Blues Limited. Il-Kunsill qabel li din il-proposta għandha titwarrab għal issa u jinstabu soluzjonijiet oħra.

5.2 Is-segretarja nfurmat li għandha management meeting tal-European Walled Towns bejn 24 ta' Frar u 26 ta' Frar 2014 ġewwa Chechister għalhekk issuġġeriet li l-Viċi Sindku Christian Micallef jagħmel żjara qasira ta' jumejn biex isiru diskussjonijiet mal-Grupp 'Friends of Valletta'. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.3 Is-Segretarja nfurmat dwar l-allokazzjoni 2014 tal-Kunsill. Spjegat dwar kif inhu mqassam u kif il-Kunsill għandu spejjes li mhux qed jirriflettu fl-allokazzjoni. Għalhekk fuq proposta tal-Bord tal-Governanza l-Kunsill qabel li għandu jippreżenta Business Plan lid-dipartiment biex issir pressjoni biex l-fondi tal-Belt Kapitali jkunu riveduti. Dan se jsir bħala kontinwazjoni tal-Marketing plan li diga kien prepara il-kunsill.

5.4 Is-Segretarja Ezekuttiva nfurmat lill-Kunsill dwar il-Bord tal-Governanza. Il-Bord qed jinvestiga fuq allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-mod kif qed titmexxa l-amministrazzjoni tal-Kunsill.

5.5 L-Accountant tal-Kunsill preżenta l-final accounts u spjega fid-dettal. Il-Kunsill approva.

5.6 Is-Segretarja preżentat l-ispejjez għax-xahar ta' Jannar 2014. Dawn gew approvati.

**TMIEM**

Fl-21.00hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għal-Erbgħa 12 ta' Marzu 2014 fit - 19.30hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku